# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tal-14 ta` Jannar, 2019**

**Kumpilazzjoni numru 1108/2014**

**Il-Pulizija**
**(Saviour Baldacchino)**
**vs.**
**Salvatore Licciardello**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Salvatore Licciardello, imwieled ġewwa l-Italia fil-25 ta' Lulju, 1961, u residenti ġewwa Flat 3, Blue Marina, Triq iż-Żebbuġ, San Ġiljan, detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-nru. 0909930:

Akkużat talli nhar 23 ta' Lulju 2007 f'xi ħin bejn l-għaxra ta' filgħodu u t-tlieta neqsin kwart ta' wara nofs inhar, ġewwa l-Knisja ta' Santu Wistin fi Pjazza Santu Wistin ġewwa Rabat Għawdex.

(1) Ikkometta serqa ta' patrimonju Malti u ċioe ta' ġojjelli u ornamenti sakri minn fuq kwadru ta' Madonna; liema serq juwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz, bil-valur li huwa iżjed min elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (Art. 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 267, 268(c), 269(a), 279(b) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali).

(2) Xjentement jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħija jew ta' osservanza ta' regolamenti ikkaġuna dannu lil jew qered propjeta' kulturali u ċioe ġojjelli u ornamenti sakri minn fuq kwadru ta' Madonna sew jekk tali propjeta' kulturali bi ksur tal-Art. 53 tal-Kap 445 dwar wirt Kuturali.

(3) Kisser, ġarraf, sfigura jew b'xi mod ieħor għamel ħsara lil monumenti, statwi jew oġġetti oħra ta' arti, li qegħdin għall-vantaġġ pubbliku jew għat-tisbiħ pubbliku u li jkuu ġew imwaqqfin mill-awtorita' pubblika, jew bis-setgħa tagħha u ċioe ta' ġojjelli u ornamenti sakri minn fuq kwadru ta' Madonna bi ksur tal-Art. 161 tal-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-aħtra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tal-15 ta' April 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali a tenur tal-Artikolu 370(3)(a) nhar is-6 ta' Jannar 2016 fejn ippremetta li tista tinstab ħtija tal-imsemmi imputat taħt l-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(a), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2) u 325(2) kif ukoll l-artikolu 161, 17, 20, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt l-artikolu 53(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat li matul is-seduta datata l-15 ta' Lulju 2016, din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien biżżejjed biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini

[1] Folio 18 tal-atti proċesswali.
[2] Folio 197 tal-atti proċesswali.

tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[3]

Rat li matul is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2015 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;[4]

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża.

***Ikkunsidrat***

Illi nhar it-23 ta' Lulju tas-sena 2007, il-Pulizija tar-Rabat, Għawdex intablu jagħtu l-assitenza minn Patri Felix Buttigieg ġewwa l-Knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat, Għawdex fejn kienu għadhom kif indunaw li l-ġojjelli fuq il-pittura tax-xbieha titulari tal-Knisja, senjatament il-ġizirajjen tal-Madonna u tal-Bambin kienu neqsin u dan mill-gilandra. Il-Pulizija għamlu l-istħarriġ tagħhom fejn kellmu lil diversi persuni u rriżultalhom li dil-Knisja kienet ingħalqet għall-ħabta ta' nofsinhar. Meta reġgħet infetħet għall-adorazzjoni għall-ħabta tat-14:45 ġie nnutat li l-ħġieġa li tgħatti d-dipint kienet maqlugħa minn postha u kienet tinstab fuq l-altar filwaqt li l-ġiżirajjen kienu neqsin minn posthom. Kien hemm anki

[3] Folio 201 tal-atti proċesswali.
[4] Folio 157 tal-atti proċesswali.

ndikazzjoni li d-delinkwent kien ittenta li jisraq l-imsielet li hemm f'dan l-istess dipint iżda dawn kienu tħallew hemmhekk allavolja kienu barra minn posthom.

Mill-provi rriżulta wkoll li sabiex wieħed ikollu aċċess għal dan id-dipint, irid jixxabbat. Minbarra f'hekk il-ħġieġa kienet ukoll marbuta bi tlett viti li riedu jiġu maħlula biex tkun tista' tinqala' l-ħġieġa li tgħatti l-pittura.[5] Minn stħarriġ ulterjuri rriżulta li bejn is-7:30 u l-10:00 ta' filgħodu matul il-ħinijiet tal-quddies, il-ġojjelli kienu għadhom hemmhekk. Fr. Buttigieg qal ukoll li hu għalaq il-knisja għall-ħabta ta' 12:03 fejn għadda quddiem l-altar u ma tax każ jekk kienx hemm il-ġojjelli jew le. Hu għalaq il-bibien u rħielha lejn kamartu. L-ebda żgass ma ġie nnutat fil-knisja jew fil-kunvent. Dan il-fatt kien jindika li setgħet kienet persuna midħla tal-knisja u li kellha aċċess liberu għal dan id-dipint li setgħet wetqet din is-serqa.

Diversi persuni li kienu fl-akwata jew li kienu qedgħin jaħdmu fil-knisja dakinhar ġew mitkellma u xi uħud minnhom ġew anki nvestigati iżda b'eżitu negattiv. Kienu ġew elevati xi impronti li matul l-istadju tar-rapport ma kienu ġew imqablin ma ebda waħda mill-persuni li kienu magħrufin. Fis-sena 2014, il-Pulizija kienu għamlu komparazzjoni tal-impronta diġitali tal-imputat li kienet ġiet elevata matul investigazzjoni oħra li kienet tikkonċernah. Meta saru dawn il-komparazzjonijiet kien

[5] Ara x-xhieda ta' George Camilleri datata 18.5.15 a folio 118.

hemm korrispondenza bejn l-impronta li kienet instabet fuq il-gwerniċ ta' din il-pittura u dik tal-imputat. Konsegwentement l-imputat kien ġie arrestat fejn meta ġie mitkellem hu ċaħad kategorikament li hu qatt resaq lejn din il-Knisja u wisq iktar li kien seraq dawn il-ġojjelli. Hu baqa konsistenti f'din il-verżjoni meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti fejn żied jgħid ukoll li hu lanqas biss kien Għawdex dakinhar jew li tela' Għawdex f'xi ħin meta seħħet is-serqa in kwistjoni.[6]

Dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll mix-xhud *in difesa* Domenico Platania li xehed quddiem din il-Qorti nhar id-29 ta' Ottubru 2018 fejn stqarr li hu jiftakar ċar li dakinhar tat-23 ta' Lulju 2007 hu kien fil-kumpanija tal-imputat prattikament mit-tmienja ta' filgħodu sa madwar l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar minħabba pranzu li kien ġie organizzat għall-imputat li kellu l-festa t'għeluq sninu jumejn wara u li setgħa jiġi ċċelebrat biss dakinhar tat-23 ta' Lulju 2007 peress li Platania, li jaħdem bħala Chef, kien disponibbli biss dakinhar. Platania kien ukoll ipprepara personalment il-pranzu għall-imputat u għall-familja tiegħu u mistieden.

***Kusiderazzjonijiet dwar punti legali***

Illi l-akkużat jinstab akkużat priċipalment bl-akkuża tas-serq tal-ġojjelli menzjonati. Id-definizzjoni ta' *serq* adottata fil-ġurisprudenza Maltija hija

---

[6] Ara l-istqarrijiet tal-imputat a folio 4 u 5 tal-atti proċesswali datati l-11 ta' Marzu 2014 u t-12 ta' Marzu 2014. Ara wkoll ix-xhieda tal-imputat mogħtija viva voce quddiem din il-Qorti datata 5.2.18 a folio 225 tal-atti proċesswali.

dik tal-Carrara li jispjega l-elementi kollha tas-serq bħala l-kontrettazzjoni doluża ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod frawdolenti bil-ħsieb li jagħmel il-qliegħ mir-*res furtiva*.[7] Skont il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' tal-ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti biex tiġi integrata l-ħtija. Dawn l-elementi s-segwenti:

1. *The contrectatio of a thing.*
2. *belonging to others.*
3. *made fraudulently.*
4. *without the consent of the owner.*
5. *animo lucrandi.*

Is-serq imputat f'dal-każ huwa aggravat bil-mezz, valur u lok. L-aggravju tal-mezz jista' jsir b'diversi modi kif senjalati fl-Artikoli 263, 264 u 265 tal-istess Kodiċi. Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-Artikolu 267 u li jirriżulta jekk il-valur tal-oġġett misruq jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94). Finalment is-serq ikun ukoll kwalifikat bil-lok skond l-Artikolu 269 tal-Kodiċi Kriminali jekk isir f' xi waħda jew iktar mill-postijiet elenkati inkluż f'lok pubbliku li qiegħed għall-qima t'Alla bħalma huwa l-każ hawnhekk.

Illi apparti mir-reat ta' serq l-imputat ġie mixli wkoll bir-reat ravviżat taħt l-Artikolu 53(1)(a) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta:

[7] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro.'*

> Kull min xjentement, b'negliġenza, b'nuqqas ta' ħija jew ta' osservanza ta' regolamenti jikkaġuna dannu lil jew jeqred propjeta' kulturali, sew jekk tali propjeta' kulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xi inventarju skond dan l-Att, u kemm jekk is-sid ta' tali propjeta' ta' patrimonju kulturali tkun il-persuna li kkaġunat il-ħsara jew il-qerda kemm jekk dik il-persuna tkun tamminsitraha b'mod leġittimu, ikun ħati ta' reat kontra dan l-att...

In oltre l-imputat jinstab ukoll mixli bir-reat taħt l-Artikolu 161 tal-Kodiċi Kriminali li jippenallizza t-tħassir ta' monumenti, statwi jew oġġetti tal-arti li huma esposti għall-pubbliku.

***Ikkunsidrat***

Illi mill-analizi li għamlet din il-Qorti tal-atti proċesswali kollha miġjuba quddiemha jirriżulta li l-imputat ġie mixli minħabba l-impronta li allegatament nstabet minn fuq ix-xena tad-delitt (ossija fuq il-gwerniċ tal-pittura) u li diversi snin wara ġiet imqabbla pożittivament ma impronta tal-imputat. Meta ġie biex jagħmel l-eżami komparattiv bejn l-impronti tal-imputat u dik misjuba fuq ix-xena tad-delitt, l-espert Joseph jixhed li l-proċedura li kienet ġiet segwita dak iż-żmien mill-Uffiċjal inkarigat mill-elevazzjoni tagħha ma kienetx indikatlu minn fejn din l-impronta kienet ġiet elevata. L-espert Mallia jgħid li ma kienx hemm indikazzjoni ta' tbagħbis tal-impronta u li din filfatt kienet awtentika, biss ma kellu l-ebda informazzjoni minn fejn din l-impronta ġiet elevata, a differenza tal-proċedura li tintuża fil-preżent fejn tali dettalji jkunu disponibbli sabiex ikun hemm l-aċċertament tal-kontinwita probatorja. Biss l-espert Mallia

jgħid ukoll li l-proċedura ta' kif kellha ssir l-elevazzjoni tal-impronta diġitali – inkluż il-proċedura li kienet adottata dak iż-żmien – ma kienetx ġiet segwita f'dan il-każ. Dan huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti huwa importanti ħafna in kwantu s-sejbien ta' ħtija ta' reati kriminali trid tkun bażata fuq provi li jkunu mhux biss awtentiċi u ġenwini, iżda fejn il-kontinwita probatorja trid ukoll tkun ineċċepibbli u pruvata bħala li kienet tali sal-grad rikjest mill-Liġi. Dan isir aktar impellenti meta bħal ma huwa dan il-każ, l-unika prova li tista' tinkastra lill-imputat hija waħda ta' natura indiretta u ċirkostanzjali li, skont il-ġurisprudenza Maltija trid tkun dejjem prova univoka.

Illi skond ġurisprudenza nostrana l-impronta diġitali hija meqjusa bħala prova indizzjarja u mhux prova diretta. Din il-Qorti trid iżomm quddiem għajnejha l-konsiderazzjonijiet ġurisprudenzjali anke dwar il-grad tal-prova rikjesta sabiex tali prova indiretta tista' twassal għall-konvinċiment morali tal-Qorti sabiex dak li jkun jinstab ħati tal-akkuża/i miġjuba kontra tiegħu u dan bis-saħħa ta' dik il-prova indiretta biss, jew kważi.

Skond is-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri kienet iddikjarat is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta'

persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[8]

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Noel Frendo,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkunsidrat illi:

L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 ".works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat.[9]

Finalment fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer*** l-istess Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri stqarret illi:

---

[88] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-imħallfin Noel Arrigo, Joseph Filletti u Patrick Vella.

[9] Deċiża fit-30 ta' Diċembru 2004 mill-Imħallef Vincent Degaetano.

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

B'hekk il-ġurisprudenza Maltija tgħallem li sabiex persuna tinstab ħatja ta' reat kriminali grazzi għall-fatt li tkun instabet impronta diġitali tagħha fuq ix-xena tar-reat, il-Qorti trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li :

(a) l-impronta kienet tappartjeni lill-imputat;

(b) u li l-imputat ikun għamel dik l-impronta fil-mument meta kien qed jikommetti jew għall-anqas, jittenta li jikkometti r-reat li biħ jinstab mixli.

Il-fatt waħdu li (skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni) instabet l-impronta diġitali tal-imputat fuq il-gwerniċ tal-ħġieġ, mhux suffiċjenti biex dil-Qorti tkun tista' ssib il-ħtija f'dan il-każ. Dan peress li s-sejba ta' tali impronta per se, mhix prova li twassal, awtomatikament, għall-konklużjoni li l-imputat kien dak li kkommetta s-serqa. Din il-prova,

[10] Deċiża fit-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

dment li tkun ammissibbli, trid tkun ukoll moqrija fl-isfond tal-provi l-oħra kollha imresqa mill-Prosekuzzjoni. Għalkemm din il-prova hija importanti, waħdeha mhix biżżejjed biex tista' ssawwar ħtija. Dik il-prova, jekk ammissibbli u emnuta mill-Qorti, tista' twassal għal konklużjoni li xi darba kien hemm kuntatt bejn l-imputat u l-gwerniċa. Din tista' tkun indikattiva immens għal dak li setgħa ġara, għax ħadd ma jmiss ġweniċa ta' pittura għalxejn. Pittura qegħda hemm biex tammiraha minn ċerta distanza u l-ammiratur ma għandu ebda raġuni għaliex imur jagħmel kuntatt diġitali mal-gwerniċ jew parti oħra tal-pittura.

Mill-banda l-oħra il-kuntatt fiżiku diġitali mal-gwerniċa per se mhux evidenza biżżejjed biex il-Qorti tista' tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dak il-kuntatt fiżiku seħħ dakinhar tas-serqa, matul u bħala konsegwenza ta' dik is-serqa. Biex din ir-rabta tkun tista' ssir, il-Prosekuzzjoni trid tressaq provi oħra, kemm diretti jew indiretti, li jistgħu isaħħu l-każ tagħha. Is-sejba tal-impronta diġitali fuq il-gwerniċa *per se* ma tistax titqies li hija prova univoka li l-imputat wettaq is-serqa tal-ġojjelli minn fuq il-pittura li kienet tinstab taħt il-ħġieġa li kienet imdawra bil-ġwerniċa in kwistjoni. Is-sejba tal-impronta diġitali fuq il-gwerniċa tista', jekk tali prova tkun ammissibbli u kredibbli, prova univoka li kien hemm kuntatt fiżiku diġitali bejn l-imputat u l-gwerniċa in kwistjoni.

Bħala parti mill-argumenti tagħha, il-Prosekuzzjoni ssemmi l-fatt li l-imputat kien diġa kkometta reati simili fl-Italja. Dan ukoll huwa fattur

ċirkostanzjali interessanti. Iżda mill-banda l-oħra ma jistax jintuża kontra l-imputat fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija o meno f'każ konkret. Dik id-deċizjoni, jekk verament ingħatat kontra l-imputat, tista tagħti indikazzjoni ta' ċerta predisposizzjoni li l-imputat jista' jkollu biex jiddelinkwi – u għalhekk setgħet tkun rilevanti għall-fini ta' reċidivita fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. Biss għall-fini ta' liġi ta' evidenza, tali prova ma tistax tittieħed bħala waħda minn dawk il-ħoloq fil-katina li fuqha tista' tinstab ħtija dwar is-serqa in kwistjoni. L-imputat setgħa kien l-aqwa ħalliel tal-knejjes fl-Italja. Biss dan il-fatt waħdu, jekk legalment pruvat, jista' biss iwassal li juri ċerta predisposizzjoni da parti tal-imputat li jikkommetti dawn it-tip ta' reati. Bl-ebda mod pero ma jista' jingħad li allura jipprova li l-imputat fil-fatt wettaq din is-serqa f'dan il-każ. Forsi f'moħħ l-investigatur dan il-fatt juri predispożizzjoni akbar da parti tal-imputat li tirrendi tali serqa minnu aktar probabbli. Iżda din hija Qorti ta' Ġustizzja Kriminali u mhux investigatur. Teħtieġ provi, legalment ammissibbli u rilevanti, u fuqhom biss tista' ssib ħtija.

*Ikkunsidrat*

Illi għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa

suffiċjenti. Ukoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li tistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża :

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ..

Skond ġurisprudenza nostrana jekk l-ewwel Qorti tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista titqajjem anki ex officio mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.

In oltre prinċipju ieħor assodat mill-ġurisprudenza hu li min jallega jrid jipprova dak allegat minnu u dan il-prinċipju japplika kemm għall-allegazzjonijiet magħmula mill-Prosekuzzjoni kif ukoll dawk magħmula mid-Difiża u dan dejjem salv pero għall-preżunzjoni tal-innoċenza u

għad-dritt għas-silenzju li l-imputat igawdi minnhom. Apparti minn hekk hemm dejjem il-grad differenti tas-suffiċjenza probatorja applikabbli għall-Prosekuzzjoni u għad-Difiża rispettivament.

*Ikkunsidrat*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li m'hemmx dubbju li l-mpronta li ġiet elevata ġiet ikkomparata ma dik tal-imputat u li allura hija tiegħu, din il-Qorti mhix moralment konvinta li din il-prova kif miġjuba hija filfatt suffiċjenti sabiex twassal sal grad rikjest skond il-Liġi sabiex l-imputat jinstab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Dan qed jingħad peress illi din il-Qorti mhix soddisfatta li l-Prosekuzzjoni pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-ineċċepibbilita' tal-kontinwita' probatorja meħtieġa dwar minn fejn effettivament instabet u ġiet elevata l-impronta in kwistjoni. Din il-Qorti lanqas ma hija f'posizzjoni li tevalwa jekk il-post fejn din instabet hijiex indikattiva sal-grad rikjest li l-impronta ġiet stampata matul il-kummissjoni tas-serqa in kwistjoni mill-imputat. In oltre, u mingħajr preġudizzju għal dak dispost fl-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti lanqas ma hija kkonfortata bi provi oħrajn li jikkonfermaw ir-responsabbilta tal-imputat u/jew il-preżenza tiegħu fil-lok jew minn ċirkostanzi oħra li setgħu isaħħu univokament din l-impronta u t-tifsira tagħha. Din il-Qorti hija konfrontata biċ-ċaħda kategorika tal-imputat li huwa qatt kien fuq il-post tas-serqa. Din iċ-ċaħda kienet tkun ferm rilevanti kieku din il-Qorti

setgħet serenament tistrieħ fuq din l-impronta diġitali, kieku kienet rispettata l-proċedura korretta għall-elevar ta' impronti diġitali u katalogar tagħhom u li kienet tissiġilla l-prova li din l-impronta kienet unikament u inekwivokabbilment meħuda minn fuq il-gwerniċ tal-ħġieġ li kien jipproteġi l-pittura. Din iċ-ċaħda kienet tkun ferm rilevanti għax impronti diġitali ma jiġux mix-xejn – irid bilfors ikun hemm kuntatt fiżiku.

Anzi din il-Qorti ġiet rinfaċċata bi prova kontrarja għal dan il-fatt permezz tax-xhieda ta' Mimmo Platania li kkonferma li l-imputat ma kienx Għawdex dakinhar u fil-ħinijiet mertu tas-serqa in kwistjoni. Din il-Qorti mhix wisq konvinta minn dan ix-xhud li baqa' jiftakar id-dati li jikkonċernaw lill-imputat – li minn dak li fehmet dil-Qorti kien biss klient tiegħu – saħansitra aktar minn għaxar snin wara l-inċident.. Il-memorja tad-dati preċiżi ta' dan ix-xhud aktar minn għaxar snin wara l-inċident hija waħda pjutost sorprendenti. Dan apparti aspetti oħra msemmija mill-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

Apparti dan kollu l-*modus operandi* tas-serqa kommessa hija ktar indikattiva li din saret fil-mument meta l-knisja kienet magħluqa, aktar milli f'ħin li din kienet miftuħa għall-pubbliku. Skont dak li xehed George Camilleri, wieħed irid jixxabbat sabiex jilħaq l-inkwadru in kwistjoni li kien jinstab fuq l-altar prinċipali tal-Knisja. Dan ifisser li dan l-inkwadru kien kemm ben espost għall-pubbliku li jidħol fil-knisja, kif ukoll ma

kienet f'post li kien faċilment aċċessibbli. Apparti minn hekk sabiex setgħet titwettaq is-serqa, il-ħalliel ried ukoll ikun munit b'attrezzi bħal turnavit biex ikun jista' jiżvita t-tliet viti li bihom kien issikkat il-gwerniċ. Dan qed jingħad għaliex ma rriżultax li l-ġwerniċ u l-ħġieġ ġie żgassat biex saret din is-serqa. Dawn il-fatturi kollha meħudin flimkien juru li min wettaq din is-serqa ried ikollu għad-disposizzjoni tiegħu ċertu ammont ta' ħin, f'ħinijiet li ma kienux dawk li kienu jippermettu li fil-knisnja jkun hemm għajnejn indiskreti bħal meta din il-knisja tkun miftuħa għall-qima tal-pubbliku. Huwa għalhekk aktar verosimili li din is-serqa seħħet f'ħinijiet fejn il-knisja kienet magħluqa jew fejn ma kienx hemm membri tal-pubbliku. Is-serqa kif kommessa, ma kinitx waħda li faċilment setgħet ġiet imwetqa fil-preżenza tan-nies mingħajr ma dawn jindunaw biha. Il-kommissjoni ta' din is-serqa fil-ħin li l-Knisja kienet miftuħa għall-pubbliku kienet għalhekk timporta riskju kbir fuq il-malvivent li jinqabad; u b'hekk tirrendi tali modalita inverosimili. Ġie pruvat ukoll li ma kien hemm l-ebda żgass fil-Knisja. Il-malvivent kellu aċċess liberu għall-Knisja u kien x'aktarx familjari mal-ħinijiet ta' ftuħ u għeluq tal-Knisja in kwistjoni.

In bażi għall-provi prodotti, din il-Qorti jidhrilha li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha in bażi għal provi ammissibbli li jikkonvinċuha bil-ħtija tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

## *Deċide*

Illi wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 268(c), 269(a), 279(b), 280(1), 281 u 161 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 53 tal-Kapitolu 445 dwar il-Wirt Kulturali, ssib lil Salvatore Licciardello mhux ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tilliberaħ minnhom.

***Aaron Bugeja***

***Maġistrat***